**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum, 9 ta' Mejju 2018

Rikors Numru 256/2017 GM

The General Soft Drinks Limited (C 1591)

-vs-

Kenneth Konrad Mallia Milanes (KI Nru 279869M) u Lis Ann Mallia Milanes (KI Nru 26478M)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' General Soft Drinks Limited ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2017 li jaqra hekk:

"tgħid għaliex m'għandkomx tkunu kkundannati tħallsu l-ammont ta' sebat elef hames mija u tlieta u hamsin ewro u tlettax-il centezmi (€7553.13) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta skond il-kuntratti tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-nutar Mario Rosario Bonello, liema ammont jirrizulta wkoll mir-rezokont anness hawn u mmarkati bhala Dok A u li baqa ma thallas minkejja ili gejtu debitament interpellati.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 2030/2013 u bl-imghax skond il-ligi."

Rat li l-intimati ġew notifikati;

Rat li, fl-udjenza tal-25 t'April 2018, xehed Jonathan Holland, rappreżentant tas-soċjeta` attriċi li kkonferma li bil-ġurament l-ammont pretiż fl-Avviż tat-Talba; u li fl-istess seduta r-rikorrenti ppreżentat Kapitoli għas-subizzjoni tal-intimati, li bih riedet tipprova bil-ġurament tagħhom li huma debituri tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż;

Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għall-approvazzjoni tal-Kapitoli u għas-subizzjoni tal-intimati;

Rat li, minkejja dan, l-intimati, imsejjħin tlett darbiet, baqgħu ma dehrux biex jiċħdu l-mistoqsija magħmula lilhom in subizzjoni.

Tqis għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba kif dedota fir-rikors promotur tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' €7,553.13 bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali numru 2030/2013 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali.

Mag Dr Grazio Mercieca